**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 20 ta' Frar, 2024

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**-vs-**

**Anthony Manicaro detentur tal-Karta tal-Identità numru 639862M;**

**u**

**Mary Grace Manicaro detentriċi tal-Karta tal-Identità numru 514262M**

***Kumpilazzjoni nru. 466/2020***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputati **Anthony Manicaro u Mary Grace Manicaro** u ċioe` talli:[1]

F'dawn il-Gżejjer, fis-16 ta' Settembru, 2020 u/jew is-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Għamlu atti ta' *money laundering* billi:-

i) Ikkonvertew jew ittrasferew propjetà meta kienu jafu jew issuspettaw li dik il-propjetà kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta' attività kriminali jew minn att ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra ta' l-oriġini tal-propjetà jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali;

[1] Imputazzjonijiet reġgħu nqraw fil-11 ta' Lulju, 2022. Vide fol.1522

ii) Ħbew jew wrew ħaġa b'oħra tal-vera xorta, provvenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq propjetà meta kienu jafu jew issuspettaw li dik il-propjetà kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

iii) Akkwistaw, ippussesaw jew użaw propjetà meta kienu jafu jew issuspettaw li l-istess propjetà kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività' kriminali;

iv) Bir-ritensjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' propjetà meta kienu jafu jew issuspettaw li l-istess propjetà kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

v) Ittentaw jagħmlu ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-subparagrafi (i), (ii), (iii) u (iv) hawn fuq imsemmija, u dan fit-tifsir tal-Artikolu 41 tal-Kodiċi Kriminali;

vi) Aġixxew bħala kompliċi fit-tifsir tal-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-subparagrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq imsemmija.

U dan ai termini tal-Artikoli 2 u 3 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 u l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Kif ukoll akkużati talli fis-16 ta' Settembru, 2020 u/jew fis-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

    (i) Wettqu kummerċ bankarju jew ta' ħruġ ta' flus f'Malta jew minn Malta meta ma kienux kumpanija liċenzjata taħt l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju mill-Awtorità kompetenti ai termini tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 371 u l-Avviż Legali 155 tal-199 emendat bl-Avviż Legali 385 ta' 2003.

3. Kif ukoll akkużati talli fis-16 ta' Settembru, 2020 u/jew fis-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

    (i) Wettqu kummerċ ta' istituzzjoni finanzjarja f'Malta jew minn Malta meta ma kienux kumpanija liċenzjata taħt l-Att dwar l-Istituzzjonijiet

Finanzjarji mill-Awtorità kompetenti u dan ai termini tal-Artikolu 3 tal-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji u l-Avviż Legali 357 tal-2002 emendat bl-Avviż Legali 386 ta' 2003 billi nnegozjaw fi strumenti ta' swieq finanzjarji kif ukoll fi strumenti oħra finanzjarji li jistgħu jiġu trasferiti.

4. Kif ukoll akkużati talli fis-16 ta' Settembru, 2020 u/jew fis-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

    (i) Irċevew mingħand xi ħadd ieħor jew kisbu mingħand xi ħadd ieħor xi wegħda li jingħataw, lilhom jew lill-oħrajn b'korrispettiv għal xi self, imgħaxijiet jew xi qliegħ ieħor taħt liema għamla jkun b'eċċess minn dak li jkun permess bil-liġi u dan bi ksur tal-artikolu 298Ċ(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Lil Anthony Manicaro waħdu:

5. Talli wettaq reat waqt li kien taħt ordni ta' probation mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati nhar l-24 t'Ottubru, 2019 mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D., liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-propjetà mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jappartjenu jew li jmissu lill-imputati jew huma propjetà tagħhom, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputati milli jittrasferixxu jew xort' oħra jiddisponu minn xi propjetà immobbli jew mobbli ai termini tal-23A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi tordna lill-imputati jħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti fil-Liġi tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esibiti;

F'każ ta' ħtija il-Qorti ġiet mitluba tittratta lil Anthony Manicaro bħala persuna reċidiv meta ġie sentenzjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula u dan bi ksur tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tat-23 ta' Frar, 2023, mogħti mill-Avukat Ġenerali ai termini tas-subartikolu (2A)(b)(c) tal-Artikolu 3 tal-*Att kontra l-Money Laundering*, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex dan il-każ jiġi trattat u deċiż quddiem din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;[2]

Rat in-Nota ta' l-Avukat Ġenerali tat-23 ta' Frar, 2023, permezz ta' liema bagħtet lill-imputati biex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:[3]

a) fl-artikoli 17, 18, 23, 23A, 23B, 23Ċ, 31, 298Ċ u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) fl-artikoli 5, 35(1)(e),(2)(3), 2(1)(2) u l-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, Kapitolu 371 tal-Liġijiet ta' Malta;

c) fl-artikoli 3(1)(1A), 22(1)(f),(3)(4) u l-Ewwel Skeda tal-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji, Kapitolu 376 tal-Liġijiet ta' Malta w ir-Regolament 3(1) u l-Ewwel Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 376.02.

Fil-konfront ta' Anthony Manicaro waħdu:

a) fl-artikolu 23(1)(b) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta.
b) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fis-seduta tat-12 ta' Frar, 2024, semgħet lill-Prosekuzzjoni terġa[4] tiddikjara li l-ammont ta' rikavat kien dak ta' tnejn u tletin elf Ewro (€32,000);

Rat li waqt l-udjenza tat-12 ta' Frar, 2024, wara li l-imputati ħadu konjizzjoni tal-kontro-ordni mibgħut mill-Avukat Ġenerali, u wara li nqraw l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali u huma taw il-kunsens tagħhom sabiex dawn il-proċeduri jiġu deċiżi minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, l-imputat Anthony Manicaro ammetta l-imputazzjonijiet kollha <u>għajr</u> għall-imputazzjoni numru ħamsa (5) u l-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li Mary Grace Manicaro ammettiet l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kodiċi, u cioe` wara li l-imputati wieġbu li huma ħatja għall-imputazzjonijiet

---

[2] Fol.1605
[3] Fol.1606
[4] Fol.1600

miġjuba fil-konfront tagħhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w ngħataw żmien xieraq sabiex jekk riedu jerġgħu lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet numru wieħed sa erba' (1-4) miġjuba kontra tagħhom u għaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tagħhom, il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet wieħed sa erba' (1-4) kif minnhom ammessi.

Dwar l-imputazzjoni numru ħamsa l-Qorti ma tista' qatt issib ħtija dwarha tenut kont li l-imputat ma kienx taħt ordni ta' probation kif addebitat lilu. Anzi l-provi juru li is-sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit nhar l-24 t'Ottubru, 2019[5] kienet illiberat lill-imputat Manicaro bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett (3) snin minn dik id-data a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant lanqas ma jista' jinstab li Manicaro hu reċidiv.

**IL-PIENA**

Fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena, il-Qorti qieset in-natura tar-reati li dwarhom qed tinstab ħtija, tal-fatt li dawn ir-reati twettqu fuq perjodu taż-żmien u b'hekk japplika l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. Jirriżulta, mill-fedina penali esibiti, li l-imputati ċertament ma jistgħux jitqiesu bħala *first-time offenders.*

L-ammont tar-rikavat ukoll ingħata piż kif ukoll ittieħed in konsiderazzjoni li dawn il-flejjes oriġinaw minn tisrif ta' ċekkijiet ta' terzi, li ġeneralment kienu kollha maħruġa mid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali, sors leċitu, għall-ħlasijiet ta' benefiċċji soċjali - fejn l-għemil tal-imputati kien wieħed ta' *self-laundering*.

[5] **Dok.CSZ** a fol.1530 et seq

Ġie kunsidrat ukoll li bejn it-tieni[6] w it-tielet[7] imputazzjoni jeżisti l-konkors formali ta' reati, fejn il-piena l-aktar gravi hi dik kontemplata bit-tieni imputazzjoni. Ingħata piż għall-fatt li l-użura li twettqet kienet okkażjoni ta' darba.

Ittieħed kont tal-fatt li, kif anke jirriżulta mill-atti, l-ammont tar-rikavat li setgħa jiġi kkonstatat kien dak ġenerat mir-reati sottostanti r-reat ta' riċiklaġġ.

Finalment ġie ikkunsidrat li Mary Grace ma kellhiex rwol attiv fl-għemil kriminuz li dwaru qed tinstab ħtija daqs kemm kellu żewġha u għalhekk dan il-fatt għandu jiġi rifless fil-piena li ser tingħata.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat Anthony Manicaro mill-imputazzjoni numru ħamsa (5) u mill-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, wara li rat l-artikoli fl-artikoli 17(b)(f), 18, 23, 23A, 23B, 23Ċ, 31, 298Ċ u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 5, 35(1)(e),(2)(3), 2(1)(2) u l-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, Kapitolu 371 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 3 tal-Att Kontra *Money Laundering,* Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 3(1)(1A), 22(1)(f),(3)(4) u l-Ewwel Skeda tal-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji, Kapitolu 376 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll ir-Regolament 3(1) u l-Ewwel Skeda tar-Regolamenti dwar Pieni u Penali għal Reati (Leġislazzjoni Sussidjarja 376.02), issib lill-imputati Anthony Manicaro u Mary Grace Manicaro ħatja tal-imputazzjonijiet kollha l-oħra miġjuba kontrihom u tikkundannahom kif ġej:

(i). Lil Anthony Manicaro għal **sentejn priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għall-erba' (4) snin millum u multa ta' **tletin elf ewro (€30,000);**

(ii). Lil Mary Grace Manicaro għal **sentejn (2) priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għall-tlett (3) snin u **multa ta' ħamest elef Ewro (€5,000).**

---

[6] **35.** (3) Kull persuna li tinsab ħatja ta' reat għandha, meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux iżjed minn żewġ miljun euro (€2,000,000) jew żmien ta' priġunerija ta' mhux iżjed minn tliet snin jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

[7] **22.** (4) Persuna li tkun ħatja ta' reat kriminali skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, tista' teħel meta tinsab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt elf euro (€500,000) jew priġunerija ta'mhux iżjed minn tliet snin, jew dik il-multa u l-priġunerija flimkien.

Ikkunsidrat ukoll,

Meta din il-Qorti ġiet biex tagħmel l-ordni ta' konfiska, li hi biss konsegwenza ta' sejbien ta' ħtija u mhux piena fiha nfisha, ikkunsidrat li tlett ijiem qabel ma l-imputati rreġistraw l-ammissjoni tagħhom kif fuq ingħad, u preċiżament fid-9 ta' Frar, 2024, ġie promulgat u daħal fis-seħħ l-**Att VI tal-2024** u ċioè ***L-Att tal-2024 li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità.***

Issa f'dan l-Att hemm provdut is-segwenti fl-artikolu 32(2) tiegħu:

> (2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli msemmija fis-subartikolu (1)[8] kif kienu fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2024 li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità **għandhom jibqgħu fis-seħħ** u għandhom japplikaw wara d-dħul fis-seħħ tal-istess Att għal investigazzjonijiet u proċeduri kriminali li jkunu nbdew qabel id-dħul fis-seħħ tal-istess Att, ħlief kif provdut xort 'oħra f'dan l-artikolu.

Madanakollu fl-artikolu 32(6) tiegħu, u allura a tenur tas-subartikolu (1) appena ċitat propju *"kif provdut xort 'oħra f'dan l-artikolu"* jingħad is-segwenti:

> (6) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli l-oħra kollha tal-Att tal-2024 li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità li mhumhiex imsemmija fis-subartikolu (1) jew fis-subartikolu (5) għandhom **japplikaw għall-proċeduri kollha**, **kemm dawk li jkunu pendenti fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-istess Att**, u kemm dawk li jinbdew wara li jidħol fis-seħħ l-istess Att.

Sfortunatament l-Att VI ma jindirizzax sitwazzjoni ferm komuni fejn imputat ma jkunx ġie imputat biss b'reati sanzjonati minn xi liġi waħdanija iżda, kif ġeneralment ikun il-każ, il-Qorti jkollha quddiemha persuna li jiġi imputat b'reati sanzjonati minn strumenti leġislattivi differenti.

B'hekk teżisti sitwazzjoni li mhux indirizzata bl-Att VI tal-2014 dwar xi proċedura għandha tadotta l-Qorti f'tali każ!

Indubbjament il-Qorti dejjem trid tapplika dik il-liġi li hi l-aktar favorevoli għall-imputat jew akkużat, u hu propju dan li ser tagħmel din il-Qorti.

M'hemmx dubbju li meta l-imputati rreġistraw l-ammissjoni tagħhom nhar it-12 ta' Frar, 2024 fost l-imputazzjonijiet li ammettew għalihom, minbarra dak ta'

---

[8] **32.**(1) Ħlief kif provdut xort'oħra f'dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 17A u 17B tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, tal-**artikoli 3**, 4 u 5 **tal-Att kontra MoneyLaundering**, tal-artikoli 18 u 19 tal-Att dwar il-Prevenzjoni ta' Abbuż fis-Swieq Finanzjarji, u tal-artikoli 35, 36 u 41 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, kif emendati bl-Att tal-2024 li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità għandhom japplikaw għal proċeduri ta' investigazzjoni u għal proċeduri kriminali li jinbdew wara d-dħul fis-seħħ tal-istess Att.

riċiklaġġ, kien hemm reati taħt il-Kodiċi Kriminali, taħt l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju u taħt l-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji.

Minbarra dan, wieħed mill-artikoli indikati fin-nota tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha ntbagħtu l-artikoli, kien propju l-artikolu 23B li bl-Att VI ġie emendat estensivament.

Għalhekk fil-każ in deżamina hu dan l-artikolu, kif emendat bl-Att VI tal-2024, li ser jiġi applikat mill-Qorti meta ser tinħareġ l-Ordni għall-Konfiska.

Għaldaqstant, ai termini tal-Artikolu 23B(1) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li l-ammont ta' **tnejn u tletin elf Ewro (€32,000)** rappreżentanti r-rikavat tar-reati sottostanti, jiġi konfiskat mingħand l-imputati bejniethom favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti tordna lid-Direttur tal-Irkupru tal-Assi sabiex fi żmien ħmistax (15) il-jum jindika lill-Qorti lista ta' assi soġġetti għall-konfiska fl-ammont imsemmi ta' tnejn u tletin elf Ewro.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 23B(2) tal-Kodiċi Kriminali, f'każ li r-rikavat li jkun ġej mir-reat ikun ġie mberbaq, jew għal xi raġuni oħra li tkun ma jkunx possibbli li jiġi identifikat u konfiskat kull tali rikavat, jew li tiġi ordnata l-konfiska ta' dik il-proprjetà li jkollha l-valur tagħha jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, l-imputati għandhom iħallsu bejniethom *multa* ta' **tnejn u tletin elf Ewro (€32,000)**, liema *multa* tekwivali għall-ammont tar-rikavat.

Dik il-*multa* tkun tista' tiġi rkuprata bħala dejn ċivili w is-sentenza tal-Qorti tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Ai termini tal-artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lill-ħatja bi kliem ċar ir-responsabiltà tagħhom taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk jikkommettu matul il-perijodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-imputati jħallsu bejniethom l-ammont ta' €9,177.87c rappreżentanti spejjez peritali.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Uffiċju Għall-Irkupru tal-Assi.

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**